**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 25 ta' Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**RICHARD JOHN CHARLES CUSCHIERI**

Kump Nru. 35/2010

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Richard John Charles Cushcieri detentur tal-karta tal-identita numru 481789M,** gie akkuzat talli :

1. Nhar l-1 ta' Settembru 2009, fix-xhur u granet ta' qabel f'dawn il-gzejjer, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor, ghad-dannu tal-kumpanija 'International Sales Direct' li giet fdata jew ikkunsinnata lilek taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew jsir uzu minnha specifikat;

2. U aktar talli matul l-istess perjodu ta' zmien ikkommettejt reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati nhar id-9 ta'

Lulju 2009, mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-13 ta' Jannar 2010 sabiex din il-kawza tigi ttrattata bil-procedura sommarja.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet it-trattazjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**;

Illi rrizulta abbundantement u skond il-ligi illi fiz-zminijiet kif indikati fl-imputazzjoni, l-imputat, peress illi jkun ghamel ix-xoghol ta` installazzjoni ta` *solar water heaters*, kien ircieva flus li huwa kellu jghaddi lis-socjeta` International Sales Direct, u dana peress illi dawn il-flus kienu effettivament dovuti lis-socjeta` msemmija. Fi kliem iehor, l-imputat, meta kien ircieva tali flus, kellu l-obbligu li jghaddihom lis-socjeta` msemmija. Ghar-ragunijiet tieghu, dan ma ghamlux, u konsegwentement huwa gie passabbli ghar-reat ta` approppriazzjoni indebita.

**Ikkunsidrat**;

In tema ta` piena jew sanzjoni din il-Qorti qed tikkonsidra l-fatt illi fil-mori ta` din il-kawza l-imputat radd il-flus lura lis-socjeta` msemmija.

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, ma hux spedjenti li twahhal piena.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 293, u 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni kif migjuba fit-tieni imputazzjoni u dana stante illi ma ngiebet ebda prova tas-sentenza in kwistjoni, **qed issib lil Richard John Charles Cuschieri hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Richard John Charles Cuschieri bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti fissret lil Richard John Charles Cuschieri fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur